MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 4/2011/1

**A**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il- Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fil-23 ta' Settembru 2010 il-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjed ippronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi illi:-

*"Il-Bord,*

*Fid-9 ta' Ottubru 2009, l-appellant* ***A ,*** *li jahdem ta' 2nd hand car dealer fir-Rabat issottometa l-Formola A tal-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodi 01.11.04 - 31.10.06 u 01.01.08 - 31.10.08*

*ghall-ammont totali ta' €3,292 minghajr penali amministrattiva u mghax.*

*Dawn l-istejjem hargu wara li d-Dipartiment skopra mis-sistema Ewropea VIES li l-appellant kien ghamel 3 "intra community acquisitions" ta' zwiemel tat-tigrija mill-lsvezja li huma soggetti ghat-taxxa ta' 18%. L-appellant kien importahom bin-numru tal-VAT tieghu izda ma kienux imdahhla fid-denunzja tal-VAT.*

*Ghall-Appell deher l-appellant innifsu s-Sur Anthony Vassallo, assistit minn Dr. Anthony Cremona, Avukat. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*L-appellant qal li huwa jgib dawn iz-zwiemel, li jkunu "kundannati" ghall-qatla, ghall-uzu personali tieghu u li meta jixjiehu jaghtihom ghall-uzu filantropiku. II-prezz taz-zwiemel ihallsuh it-tfal tieghu fl-lzvezja; huwa kkontesta l-valur li fuqu giet mahduma t-taxxa, Id-Dipartiment wiegeb li dan il-valur gie mehud minn fuq l-imsemmija sistema, liema valur ikun iddikjarat mis-supplier stess.*

*F'dan l-istadju, il-Bord dehrlu li ghandu jaghti l-opportunita` lill-appellant li jaghmel stharrig fir-rigward tal-valur u jaghmel sottomissjoni pertinenti.*

*Fis-7 ta' Ottubru 2010, il-Bord ircieva affidavit maghmul mill-appellant fejn qal li n-numru tal-VAT tieghu gie uzat biss bhala mezz ta' identifikazzjoni u li din l-importazzjoni ma kellhiex x'taqsam man-negozju normali tieghu. Barrra minn hekk dawn iz-zwiemel jaqghu taht il-kategorija tat-"trott" u huma "non-pure breed".*

*Fis-27 ta' Ottubru 2010, id-Dipartiment wiegeb hekk :-*

*1. IIIi meta l-persuna registrata ntalbet ghal aktar minn darba biex iggib il-kotba tan-negozju, kitbet lill-Kummissarju fl-14.04.2009 permezz tar-rapprezentant taghha li "dawn iz-zwiemel, ma ngiebux hawn Malta ghal fini ta' negozju izda purament ghal fini ta' delizzju, u*

*lanqas ma ghandu jinftiehem b'xi mod jew iehor li sejjer u/jew qieghed jintalab xi forma ta' VAT refund;*

*2. Illi fin-noti tal-appell tad-09.10.2009 qieghed jinghad mod iehor. F'punt (3) intqal hekk ..."but who also has a secondary economic activity consisting of the importation for re-sale of horses." Issa qieghed jerga' jinghad f'dan l-affidavit li "z-zwiemel illi jiena importajt kienu ghall-uzu personali tieghi u li zgur ma kellhomx x'jaqsmu man-negozju tieghi";*

*3. Illi r-raguni ghalfejn hargu l-istejjem hija cara. Il-persuna registrata dahlet dawn iz-zwiemel f'Malta bhala* ***intra community acquisitions*** *fuq in-numru tal-VAT taghha. Sussegwentement ma ddikjaratx dawn l-akkwisti fid-denunzji rispettivi, u meta l-Kummissarju sar jaf li dawn ma kienux ghall-bejgh imma gew irregistrati mal-Malta Racing Club bhala delizzju, impona t-taxxa fuq valur mizjud fuqhom;*

*4. Illi d-dokumenti pprezentati lill-Bord juru li dawn iz-zwiemel huma tat-tigrija, u taht it-Taqsima Hamsa tal-Hames Skeda, f'partita 1 (a), Kapitolu 1 dwar id-dazji, dawn l-annimali huma eskluzi milli jkunu ezenti."*

*Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li nkiteb u ntqal miz-zewg partijiet wasal ghall-konkluzjoni li minkejja l-fatt il l-appellant qed jikkontendi li huwa ma jaghmel l-ebda qliegh minn fuq dan ix-xoghol, jibqa' l-fatt li, skont il-Ligi, iz-zwiemel impurtati ma jitqiesux bhala ezenti bi kreditu u li barra minn hekk l-iskuza li gab l-appellant mhix wahda ragonevoli kif tirrikjedi l-Ligi.*

*L-Appell huwa michud.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adatat 14 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 4 ta' Marzu 2011 a fol 8 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi datata 11 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li meta l-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjed iddikjara li tali zwiemel importati mhux ezenti mit-taxxa tal-VAT ghaliex huma *pure-bred* dan kien qed jaghmel zball fi-ligi u dan peress ma jirrizultax li tali zwiemel huma *pure-bred* ghaliex kull ma saret kienet biss riferenza ghad-data tat-twelid taz-ziemel li ma huwiex kriterju sabiex jigi stabbilit jekk ziemel huwiex *pure-bred* jew le u allura la darba iz-ziemel ma huwiex *pure-bred* mela allura skond *Part Two, Schedule of Customs Duties, Section 1 Live Animals, Animal Products* hemm dazju mpost ta' 11.5%, li pero' ma japplikax ghall- kaz in ezami peress li z-zwiemel inxtraw minn pajjiz fl-Unjoni Ewropea, u allura iz-zwiemel in kwistjoni huma ezenti mill-hlas ta' taxxa tal-VAT.

Illi fil-verita' jigi rilevat li d-decizjoni moghtija kienet fuq il-Ligi tal-VAT u mhux fuq il-Ligi tad-Dazju, ghalkemm din il-Qorti bir-rispett tghid li l-Bord fl-istess decizjoni seta` esprima ruhu b'mod ahjar, u seta` ta motivazzjoni iktar

approfondita milli fil-fatt ta, u dan ghaliex wara li l-Bord irrefera ghall-posizzjoni ta' kull parti, kull ma qal kien biss li *"Il-Bord …………wasal ghall-konkluzjoni li minkejja l-fatt iI l-appellant qed jikkontendi li huwa ma jaghmel l-ebda qliegh minn fuq dan ix-xoghol, jibqa' l-fatt li, skont il-Ligi, iz-zwiemel impurtati ma jitqiesux bhala ezenti bi kreditu u li barra minn hekk l-iskuza li gab l-appellant mhix wahda ragonevoli kif tirrikjedi l-Ligi".*

Illi ghalkemm l-istess konsiderazzjoni u konkluzi hija hekk redatta xorta wahda johrog car li dan ifisser li fil-verita' l-istess Bord lanqas qal dak li qed jallega li qal l-appellant, izda jidher li l-Bord qabel ma' dak sottomess mill-appellat quddiem l-istess Bord fis-sens li t-transazzjonijiet mertu tal-kawza odjerna huma *"intra community acquisitions"* maghmula mill-appellant li ma gewx iddikjarati fil-VAT *returns* relattivi tieghu u li tali zwiemel hekk minnu importati ma humiex ezenti mit-**Taqsima 5 tal-Hames Skeda tal-Kap 406** ghall-hlas tal-VAT kif pretiz mill-appellat.

Illi fil-fatt l-istess Skeda tindika li huma ezenti mill-hlas ta' Taxxa ta' Vat oggett tal-ikel li d-definizzjoni taghha tinsab fl-istess disposizzjoni u fejn appuntu hemm jinghad li *"food means the goods specified in the Customs Tariff contained in the First Schedule to the Import Duties Act under:*

*"(a) Chapter 1, but excluding items falling under subheading 0101.10.10.00; 016.11.00.00; 0106.12.00.00; 0106.19.90.90; 0106.20.00.00; 0106.31.00.00; 0106.32.00.00; 0106.39.90.00; 0106.90.00.00".*

Illi jirrizulta li z-zwiemel gew importati taht il-klassifikazzjoni indikata mill-appellant stess fuq il-formuli relattivi ta' 0101901900, u allura bhala tali, skond il-ligi tal-VAT ma humiex indikati bhala ezenti mit-taxxa tal-VAT ghaliex ma humiex meqjusa bhala ikel, u jsegwi allura li tali akkwist taz-zwiemel ma huwiex ezenti mill-hlas tal-VAT skond id-disposizzjoni applikabbli tat-**Taqsima 5 tal-Hames Skeda tal-Kap 406.**

Illi fil-fatt id-decizjoni tal-Bord kienet fuq il-punt jekk akkwist intra-kummunitarju huwiex taxxabbli jew le u allura fuq id-disposizzjonijiet tal-Ligi applikabbli li hija dik indikata bhala **l-Kap 406**. Il-punt jekk ziemel huwiex *pure-bred* jew le, ghalkemm saret diskussjoni dwaru, ma giex inkluz fil-konsiderazzjonijiet li l-Bord ghamel wara li ha konjizzjoni, u wkoll elenka l-argumenti tal-partijiet u jidher car mill-istess decizjoni li l-istess Bord addotta l-argumenti migjuba mill-appellat, li fil-verita lanqas biss mess fuq dan il-punt imsemmi mill-appellant fir-rikors tieghu quddiem din il-Qorti, kif id-decizjoni tal-Bord fuq riportata turi b'mod mill-iktar car, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell kif impost lanqas huwa korrett u allura jista' jigi milqugh, peress li l-punt tal-vertenza li fuqu l-istess Bord ta' d-decizjoni tieghu kien proprju abbazi tat-**Taqsima 5 tal-Hames Skeda tal-Kap 406,** li ma giet bl-ebda mod attakata jew kontradetta mill-appellant.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti A fir-rikors tal-appell tieghu datat 14 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan illi din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet "A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru 45/09) datata 23 ta' Settembru 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------